Dan il-fuljett huwa parti minn serje miktuba minn infermiera, tobba u esperti b'esperjenza fil-kura tal-anzjani. Is-serje għandha l-għan li tagħmel il-vjaġġ tiegħek fil-kura residenzjali tal-anzjani aktar faċli. Fittex fuljetti oħra dwar mistoqsijiet li għandek tistaqsi dwar ħtiġijiet speċifiċi ta' kura. Dawn jistgħu jitniżżlu minn: **www.10questions.org.au**

Tista' ssib dawn il-fuljetti utli meta:

- Qed tfittex għal faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani ta' kwalità għolja
- Qed tirrevedi l-kwalità tal-faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani attwali tiegħek
- Qed tiddeċiedi bejn żewġ faċilitajiet residenzjali tal-kura tal-anzjani li jidhru simili.

Huwa importanti li fost l-impjegati jkun hemm biżżejjed infermiera rreġistrati b'ħiliet differenti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' kulħadd. Għandek tistaqsi mistoqsijiet dwar kif il-ħtiġijiet tal-kura individwali tiegħek se jintlaħqu.

Ħafna impjegati jilbsu uniformijiet simili. Sempliċement għax xi ħadd jidher qisu infermier ma jfissirx li huma hekk. Dawn huma d-differenzi:

**Infermiera Reġistrata (RN)** għamlet minimu ta' tliet snin kors ta' Bachelor of Nursing. Jistgħu jwettqu proċeduri ta' infermiera, jimmaniġġjaw medikazzjoni għall-uġigħ u jgħinu biex jipprevjenu dħul bla bżonn fl-isptar.

**Infermier Enrolled (EN)** jaħdem taħt id-direzzjoni ta' RN. It-tnejn huma rreġistrati minn korp regolatorju. Ir-reġistrazzjoni tiżgura li l-istandards professjonali jinżammu u tipproteġi lill-pubbliku.

**Assistenti tal-Infermiera (AIN) / Care Workers / Impjegati tas-Servizz tal-Kura (CSE)** jaħdmu taħt is-superviżjoni tal-infermiera, u jipprovdu l-maġġoranza tal-kura f'faċilitajiet residenzjali u fil-komunità. Il-livell ta' taħriġ tagħhom huwa varjabbli.

Diċembru 2022

## HU D-DRITT TIEGĦEK LI TISTAQSI

Jekk teħtieġ parir ta' avokatura jew ta' speċjalista dwar xi suġġett li m'hux kopert f' dan il- fuljett:

| | |
|---|---|
| **My Aged Care** | **1800 200 422** |
| **myagedcare.gov.au** | |
| **MCCI** (għar-riżorsi tradotti) | **02 4229 7566** |
| **SRS** | **1800 424 079** |
| **OPAN** | **1800 237 981** |
| **CPSA** | **1800 451 488** |

Dan il-fuljett ġie żviluppat u approvat minn:

Għal lista sħiħa ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ jekk jogħġbok żur **www.10questions.org.au**

Jekk għandek tħassib dwar il-faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani ikkuntattja:

1800 951 822

Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

**www.agedcarequality.gov.au**

# 10 Mistoqsijiet li għandek tistaqsi

## DWAR

## IL-COVID-19 FIL-KURA RESIDENZJALI TAL-ANZJANI

## (COVID - MALTESE)

**www.10questions.org.au**

***Dan il-fuljett huwa maħsub biex jgħinek tifhem id-drittijiet tiegħek. Ma jistax iwieġeb kull mistoqsija li jista' jkollok imma jekk għandek bżonn aktar informazzjoni l-kuntatti fl-aħħar jistgħu jgħinu.***

## 1 Kif se tnaqqas ir-riskju tal-Covid-19?

Pjan ta' immaniġġjar biex jitnaqqas ir-riskju ta' infezzjoni huwa rekwiżit u għandu jkopri affarijiet bħall-impjegati, prekawzjonijiet addizzjonali u provvista ta' tagħmir. Is-sinjali, l-ittestjar tat-temperatura u l-ħasil regolari tal-idejn mill-impjegati jindikaw li hemm pjan fis-seħħ. Għandu jkun hemm membru mlaħħaq mill-impjegati b'esperjenza fil-kontroll tal-infezzjonijiet. Staqsi min hu u kun żgur li jipprovdu feedback regolari dwar is-sitwazzjoni attwali tal-Covid-19.

## 2 X'inhuma l-arranġamenti biex niżgura li nirċievi appoġġ mediku jekk nimrad?

Il-GP (tabib) tiegħek se jkompli jipprovdi reviżjonijiet regolari tas-saħħa, jirrepeti l-preskrizzjonijiet, jivvaluta l-bżonnijiet tal-kura u jiddiskuti t-tħassib tiegħek. Il-GPs huma mħarrġa fil-kura respiratorja u għalhekk jistgħu jipprovdu pariri dwar il-Covid-19. Jekk timrad tabib jista' jirranġa biex tittieħed l- isptar jekk tagħżel li tagħmel dan. Kun żgur li għandek direttiva/pjan tal-kura bil-quddiem* li tindika x-xewqat tiegħek għat-trattament, ftakar li tista' temenda dan fi kwalunkwe ħin.

## 3 Min se jissorvelja l-kura klinika tiegħi jekk ikolli l-Covid-19?

Il-kura tiegħek ser tiġi mmaniġġjata minn espert fil-kura respiratorja, ġeneralment il-GP tiegħek sakemm ma jkunx meħtieġ trasferiment għall- isptar. Il-kura tiegħek ta' kuljum għandha tiġi pprovduta minn tim separat ta' infermiera reġistrati b'esperjenza appoġġati minn infermiera li huma enrolled u ħaddiema tal-kura. Jistgħu jgħinu wkoll servizzi ta' outreach mogħtija mid-distrett tas-saħħa lokali bħal 'Hospital in the Home'.

## 4 Il-kura ta' rutina u t-trattament tiegħi ser jieqfu?

Ir-rutina tas-soltu tiegħek ta' kuljum tista' tinbidel, iżda l-kura u s-servizzi kollha li normalment tirċievi għandhom ikomplu, inkluż l-aċċess għal ikliet ta' kwalità tajba. Id-dritt tiegħek għal kura u trattament siguri, ta' kwalità għolja u effettivi jibqgħu l-istess waqt pandemija.

## 5 Kif se nkun appoġġjat jekk inkun meħtieġ li niżola ruħi?

Inti ser tinżamm apparti minn residenti oħra u viżitaturi. Dan jista' jfisser li int tkun mitlub biex temporanjament tibdel kmamar tas-sodda u li jkollok aċċess ristrett għal żoni tad-dar residenzjali li tuża normalment. Ladarba l-infezzjoni tkun għaddiet, l-affarijiet għandhom jerġgħu lura għan-normal. L-ebda tibdil m'għandu jsir mingħajr diskussjoni miegħek minn qabel.

## 6 Kif se tiżgura li nkun nista' nkompli nara lill-familja u lill-ħbieb?

L-impjegati għandhom jgħinuk iżżomm kuntatt bit-telefon jew apparat simili li jippermettilek tarahom u tismagħhom. Hemm gwida msejħa l- 'Kodiċi ta' Aċċess għall-Viżitaturi tal-Kura Anzjani'. Staqsi għal kopja u ara jekk tistax tinnegozja arranġamenti biex taqdi l-bżonnijiet tiegħek. Tista' tikkuntattja avukati mħarrġa għal appoġġ u parir*.

## 7 Qed nitħalla nidħol f'akkomodazzjoni alternattiva waqt il-pandemija?

Jekk m'hemm l-ebda Covid-19 fil-faċilità tista' tieħu leave ta' emerġenza għal perjodu ta' żmien. Jekk tagħżel li tagħmel hekk, m'għandekx bżonn tuża l-intitolamenti tiegħek għal leave soċjali. Matul l-assenza tiegħek xorta tkun mitlub tħallas għall-akkomodazzjoni, għajxien ta' kuljum u kontribuzzjoni ta' kura tas-soltu u tikseb biss sa tmien ġimgħat mill-Commonwealth Home Support Program matul iż-żmien li tkun f'post ieħor. Mar-ritorn tiegħek tista' tkun ittestjat għall-Covid u iżolat sakemm tkun ikklerjat - ġeneralment fi żmien jumejn.

## 8 X'arranġamenti hemm biex niżgura li jieħdu ħsiebi jekk l-impjegati tas-soltu ma jifilħux jew qed jiżolaw?

Matul il-pandemiji n-nies jeħtieġu aktar kura simili għall-isptar u l-kundizzjoni tiegħek tista' tinbidel malajr, għalhekk huwa importanti li tivverifika infermiera reġistrati b'esperjenza addizzjonali, infermiera enrolled u ħaddiema oħra huma impjegati fuq il-post. In-numru ta' impjegati li hemm bżonn ġie sottovalutat serjament fil-passat u għalhekk huwa importanti li tkun taf li hemm pjan fis-seħħ.

## 9 Kif se tiżgura li n-nies bid-dimenzja jifhmu x'qed jiġri f'dan il-ħin u li tnaqqas id-dwejjaq?

Impjegati regolari li huma familjari mal-ħtiġijiet ta' kull persuna huma essenzjali biex inaqqsu l-ansjetà u d-dwejjaq f'ambjent mibdul. Se jkun hemm bżonn ta' aktar impjegati biex jipprovdu appoġġ personali matul l-awtoiżolament, biex jitnaqqas id-dwejjaq u jiġu evitati prattiċi restrittivi bla bżonn. **Dementia Support Australia hija disponibbli 24 siegħa għal parir fuq 1800 699 799**

## 10 Kif nista' nikseb aċċess għal informazzjoni dwar il-Covid-19 jekk l-ewwel lingwa tiegħi mhix l-Ingliż?

Hemm firxa ta' riżorsi tal-gvern u materjali tradotti disponibbli f'lingwi differenti. Uża n-numri fuq in-naħa ta' wara ta' dan il-fuljett biex jgħinuk.

*uża n-numri fuq wara ta' dan il-fuljett għal aktar informazzjoni u għajnuna